

Brussell, 2 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10180/19

ECOFIN 638
UEM 238
SOC 489
EMPL 378
COMPET 516
ENV 609
EDUC 322
RECH 355
ENER 359
JAI 719
FSTR 138
REGIO 174

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9953/19 - COM(2019) 527 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Iżvezja għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Iżvezja għall-2019

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, ibbażat fuq il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2019) 527 final.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma tal-Iżvezja għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Iżvezja għall-2019

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li kien jimmarka l-bidu tas-Semestru Ewropew għall-2019 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Din qieset il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li tħabbar mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fil-21 ta' Novembru 2018 il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 fejn l-Iżvezja ġiet identifikata bħala wieħed mill-Istati Membri li fil-konfront tagħhom kienet ser ssir analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż għall-2019 tal-Iżvezja ġie ppubblikat fis-27 ta' Frar 2019. Dan ivvaluta l-progress li għamlet l-Iżvezja biex tindirizza r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż li ġiet adottata mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018³, l-azzjoni li ttieħdet fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet tas-snin ta' qabel u l-progress tal-Iżvezja biex tilħaq il-miri nazzjonali tagħha għall-Ewropa 2020. Inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-risultati tagħha ġew ippubblikati fis-27 ta' Frar 2019. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Iżvezja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, il-prezzijiet sovravalutati tal-akkomodazzjonijiet flimkien ma' żieda fid-dejn tal-unitajiet domestiċi jirriskjaw li jwasslu għal korrezzjoni diżordnata. Id-dejn għoli tal-unitajiet domestiċi komplew jogħlew bħala sehem mill-PDG. Fit-tieni nofs tal-2017 kien hemm korrezzjoni tal-prezzijiet tal-akkomodazzjonijiet u minn dakinhar dawn gradwalment stabbilizzaw ruħhom. Madankollu, l-indikaturi tal-valutazzjoni jissuġġerixxu li l-prezzijiet tal-akkomodazzjonijiet għadhom għoljin meta jitqiesu l-elementi fundamentali tal-ekonomija. Minkejja li s-settur bankarju jidher kapitalizzat sew, meta titqies l-iskopertura għas-self ipotekarju tal-unitajiet domestiċi, il-korrezzjoni diżordnata tolqot lis-settur finanzjarju b'mod negattiv. Meta jitqies l-irbit finanzjarju sistemiku, dan jista' jħalli riperkussjonijiet negattivi fuq il-pajjiżi ġirien. Id-diffikultajiet strutturali għall-provvista tal-akkomodazzjonijiet għadha tippersisti u l-output tal-kostruzzjoni ddgħajjef. Għalkemm f'dawn l-aħħar snin ittieħdu passi fil-qasam makroprudenzjali biex tiġi indirizzata ż-żieda fid-dejn, sa issa l-impatt tagħhom jidher li huwa limitat. Għad hemm lakuni f'politiki ewlenin, partikolarment fir-rigward tal-inċentivi tat-taxxa għas-sjieda tal-akkomodazzjonijiet u tal-funzjonament tal-provvista tal-akkomodazzjonijiet u tas-suq tal-kiri.

³ ĠU C 320, 10.9.2018, p. 116.

- (3) L-Iżvezja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2019 fis-26 ta' April 2019 u l-Programm ta' Konverġenza tagħha għall-2019 fid-29 ta' April 2019. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.
- (4) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perijodu bejn l-2014 u l-2020. Kif inhu previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, fil-każijiet fejn ikun meħtieġ li jingħata appoġġ għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob li Stat Membru jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalih. Il-Kummissjoni tat aktar dettalji dwar kif biħsiebha tuża dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri marbuta mal-effettività tal-Fondi SEI għal governanza ekonomika soda.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (5) Bħalissa l-Iżvezja tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu għall-2019 il-gvern qiegħed jippjana li jkun f'surplus ta' 0,6 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fl-2019, li huwa mistenni jissaħħa aktar matul il-perijodu tal-programm. Fuq il-bażi tal-bilanċ strutturali kkalkolat mill-ġdid⁵, l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju — defiċit strutturali ta' 1 % tal-PDG — huwa ppjanat li jinqabeż matul il-perijodu tal-iprogrammar. Skont il-Programm ta' Konverġenza għall-2019, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern mistenni jonqos gradwalment minn 34,5 % fl-2019 u jissokta jonqos għal 28,2 % tal-2022. Il-finanzi pubbliċi sodi u t-tkabbir ekonomiku stabbli mistennija jkunu l-motivaturi ewlenin tat-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern ġenerali. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni, fl-2019 il-bilanċ strutturali mistenni jirreġistra surplus ta' 0,5 % tal-PDG u ta' 0,6 % tal-PDG fl-2020, rata li taqbeż l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju. Kumplessivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li fl-2019 u fl-2020 l-Iżvezja mistennija tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (6) Id-dejn tal-unitajiet domestiċi baqa' jiżdied mil-livelli li diġà kienu għoljin. Fl-2018 id-dejn tal-unitajiet domestiċi żdied b'5,5 % u laħaq it-88 % tal-PDG u 186 % tal-introjtu disponibbli, li hija waħda fost l-ogħla rati fl-Unjoni. Dan ġie xprunat l-aktar mis-self ipotekarju ogħla marbut mal-prezzijiet ogħla tal-akkomodazzjonijiet, flimkien ma' distorsjonijiet strutturali li jiffavorixxu x-xiri ta' proprjetà b'finanzjament ipotekarju. L-Iżvezja implimentat diversi miżuri makroprudenzjali f'dan l-aħħar snin, fosthom regola msaħħa li daħlet fis-seħħ f'Marzu 2018 dwar il-ħlas lura għal self ipotekarju bi proporzjon dejn-introjtu għoli, u d-deċiżjoni biex minn Settembru 2019 jiżdied il-kapital ta' lqugħ tal-banek. Madankollu, jidher li l-miżuri ta' politika li ttieħdu sal-lum kellhom impatt ġenerali limitat fuq iż-żieda fis-self ipotekarju u ma ttieħdet l-ebda azzjoni politika għar-riforma tal-inċentivi tat-taxxa b'rabta mas-sjieda tal-akkomodazzjoni u d-dejn ipotekarju.

⁵ Il-bilanċ aġġustat ċiklikament li ma jinkludix miżuri ta' darba u miżuri temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni permezz tal-metodoloġija maqbula b'mod komuni.

- (7) Filwaqt li l-prezzijiet tal-akkomodazzjonijiet naqsu lejn l-aħħar tal-2017 u żammew stabbli minn dak iż-żmien, dan seħħ wara perijodu twil ta' żidiet qawwija tal-prezzijiet, u l-valwazzjonijiet għadhom ferm ogħla mill-elementi fundamentali ekonomiċi. Fost il-kwistjonijiet ewlenin hemm l-inċentivi tat-taxxa li jiffavorixxu s-sjeda tal-akkomodazzjonijiet u s-self ipotekarju, u l-kundizzjonijiet ta' kreditu akkomodanti flimkien mar-rati ta' ħlas lura li għadhom relattivament baxxi. Minkejja żieda sinifikanti f'bini ġdid fuq dawn l-aħħar ħames snin, għad fadal nuqqas ta' akkomodazzjonijiet, speċjalment akkomodazzjonijiet affordabbli fil-bliet il-kbar. Il-provvista ta' akkomodazzjonijiet ġodda ma kinitx biżżejjed biex tlaħħaq mal-bżonnijiet previsti għall-futur qrib, li huma stmati li jlaħħqu d-90 000 dar ġdida kull sena għall-perijodu bejn l-2018 u l-2020. Dan in-nuqqas huwa marbut ma' ineffiċjenzi strutturali, bħall-kompetizzjoni limitat fis-settur tal-kostruzzjoni minħabba fl-ostakli għad-dħul fil-konfront tad-ditti żgħar u barranin u l-kapaċità tal-iżviluppaturi l-kbar li jikkontrollaw ir-riżorsi tal-art. L-istokk tal-akkomodazzjonijiet mhuwiex jintuża b'mod effiċjenti. Fis-suq tal-kerja l-kirjiet aktar baxxi mis-suq joħolqu effetti ta' intrappolament u ta' sitwazzjoni privileġġjata ("insider/outsider effect"). Fis-suq tas-sidien-okkupanti it-taxxi fuq il-qligħ kapitali jnaqqsu l-mobbiltà tas-sidien tal-akkomodazzjonijiet. In-nuqqas ta' abitazzjoni tagħmilha aktar diffiċli għall-persuni biex ibiddlu x-xogħol u jista' jwassal għal inugwaljanza bejn ġenerazzjonijiet differenti. L-awtoritajiet Żvediżi qegħdin ikomplu jimplimentaw gradwalment il-"pjan ta' 22 punt" biex jiżdied il-bini ta' akkomodazzjonijiet residenzjali u biex tittejjeb l-effiċjenza tas-settur tal-abitazzjoni. Sa issa ma ttieħed l-ebda pass konkret favur il-liberalizzazzjoni tar-regolamenti stretti tal-kiri u r-reviżjoni tat-taxxa kapitali fuq l-akkomodazzjonijiet okkupati mis-sidien, għalkemm f'Jannar 2019 il-gvern il-ġdid ħabbar pjani biex jintroduċi riformi f'dan il-qasam, suġġett għal ħidma preparatorja ta' stħarriġ tal-qasam.
- (8) Qegħdin joħorġu fid-deher nuqqasijiet ta' ħaddiema f'ċerti setturi, bħal dak tal-kostruzzjoni, tal-edukazzjoni u tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Huwa essenzjali li jkun hemm provvista ta' kapital uman li jappoġġa l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp kif ukoll id-diġitalizzazzjoni. L-investiment fl-edukazzjoni u fil-ħiliet ser jgħin biex dawn l-isfidi jiġu indirizzati. Sal-lum ġie rreġistrat titjib fl-eżiti tal-edukazzjoni, iżda għad hemm diskrepanza kbira fil-prestazzjoni tal-edukazzjoni bejn il-gruppi soċjali differenti li qed tkompli titwessa'. L-iżviluppi demografiċi ser iwasslu għal żieda fl-għadd ta' studenti, li ser tkompli tolqot l-għadd ta' għalliema ta' bħalissa b'mod negattiv. Is-sitwazzjoni tal-migrazzjoni mhux mill-Unjoni u tad-dixxendenti tagħhom u l-effetti ta' ċerti programmi li ġew adottati dan l-aħħar jisthokqilhom monitoraġġ mill-qrib għaliex l-integrazzjoni ta' studenti mwielda f'pajjiżi barranin, u l-inklużjoni sostenibbli tal-migranti b'livell baxx ta' ħiliet u tal-migranti mhux mill-Unjoni (partikolarment in-nisa) fis-suq tax-xogħol għadha diffiċli.

- (9) Iż-żamma tal-livell tal-investimenti fl-infrastruttura tat-trasport tista' tikkontribwixxi għat-titjib tal-mobilità tal-forza tax-xogħol, tal-koeżjoni reġjonali u tas-settur tal-abitazzjoni u trawwem it- tkabbir fit-tul tal-produttività tal-Iżvezja. Il-gvern ħabbar investimenti konsiderevoli fl-infrastruttura tat-trasport permezz tal-pjan nazzjonali għall-infrastruttura 2018-2029 sabiex itejjeb il-modi differenti tat-trasport (partikolarment fir-rigward tal-ferrovija u tat-toroq). Il-pjan jinkludi investimenti maġġuri għall-iżviluppar tas-sistema ferrovjarja, il-promozzjoni biex it-trasport tal-merkanzija jibda jsir aktar bil-ferrovija milli bit-triq, li ser jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Iż-żamma ta' livelli għoljin ta' investiment fir-riċerka u l-iżvilupp, il-kundizzjonijiet ta' qafas favorevoli u l-bażi ta' innovazzjoni aktar wiesgħa huma fundamentali biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-Iżvezja bħala pijunier tal-innovazzjoni. Tradizzjonalment, il-mudell tal-innovazzjoni tal-Iżvezja kien jiddependi fuq għadd limitat ta' kumpaniji teknoloġiċi kbar u attivi fis-suq globali. Ikun importanti li jinħoloq ambjent li jrawwem l-innovazzjoni potenzjali tal-SMEs u tan-negozji ġodda. Il-kapaċità innovattiva tal-Iżvezja tista' tittejjeb aktar jekk tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn l-akkademja u l-SMEs.
- (10) Il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus saret prijorità għall-Iżvezja, u dan fl-isfond ta' skandlu relatat mal-ħasil tal-flus li għadu qed jevolvi fir-rigward ta' waħda mill-akbar istituzzjonijiet finanzjarji fil-pajjiż. Is-superviżuri finanzjarji Żvediżi u Estonjani bdew investigazzjoni konġunta, flimkien mal-kontropartijiet Latvjani u Litwani tagħhom. Filwaqt li l-qafas tal-Iżvezja kontra l-ħasil tal-flus ġie msaħħaħ fl-2017 bid-dħul fis-seħħ tal-att dwar il-ħasil tal-flus, huwa importanti li tissokta l-ħidma fuq l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' kwalunkwe dgħufija li għad fadal fil-qafas. Għad fadal sfidi x'jiġu indirizzati u s-superviżur għad irid jadotta miżuri u linji gwida addizzjonali dwar kif tista' tissaħħaħ is-superviżjoni f'dan il-qasam. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni għall-implimentazzjoni effettiva ta' dawn il-miżuri ladarba jiġu adottati.
- (11) L-ipprogrammar tal-fondi tal-Unjoni għall-perijodu 2021-2027 jista' jgħin biex jiġu indirizzati xi wħud min-nuqqasijiet identifikati fir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari fl-oqsma koperti mill-Anness D għar-rapport tal-pajjiż għall-2019. Dan jippermetti li l-Iżvezja tuża tajjeb il-fondi fir-rigward tas-setturi identifikati filwaqt li tqis id-diskrepanzi reġjonali.

- (12) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2019, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Iżvezja u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiżi għall-2019. Ivvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza għall-2019 u l-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019 u l-azzjonijiet li ttieħdu dwar ir-rakkomandazzjonijiet li kienu indirizzati lill-Iżvezja fis-snin ta' qabel. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Iżvezja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika globali tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni fid-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.
- (13) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza għall-2019 u huwa tal-opinjoni li l-Iżvezja hija mistennija tikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (14) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019 u l-Programm ta' Konverġenza għall-2019. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjoni (1) ta' hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li fl-2019 u fl-2020 l-Iżvezja tieħu azzjoni biex:

1. Tindirizza r-riskji relatati mad-dejn kbir tal-unitajiet domestiċi billi tnaqqas gradwalment it-tnaqqis tat-taxxa fuq il-pagamenti tal-imgħax ipotekarju jew iżżid it-taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà. Tistimula l-investment fil-kostruzzjoni residenzjali fejn hemm l-aktar nuqqasijiet urġenti, b'mod partikolari billi tneħħi l-ostakli għall-kostruzzjoni. Ittejjeb l-effiċjenza tas-suq tal-akkomodazzjoni, fosthom billi tiġi introdotta aktar flessibbiltà fil-prezzijiet tal-kera u fir-reviżjoni tat-tfassil tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali.
2. Tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq l-edukazzjoni u l-ħiliet, filwaqt li żżomm il-livell tal-investment fit-trasport sostenibbli biex jitjiebu il-modi differenti tat-trasport, partikolarment il-ferrovija, u r-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tqis id-diskrepanzi reġjonali.

3. Tiżgura s-superviżjoni u l-infurzar effettivi tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
